MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 37/2003

**Charles Barbara**

**vs**

**Marco sive Mark Testa**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta’ Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u disa’ liri Maltin u tlettax il-centezmu (Lm309.13) rapprezentanti konsum ta’ dawl u ilma maghmul fil-fond Flat A, Brega Flats, Triq il-Merzaq, Birzebbugia, fil-perijodu bejn l-1 ta’ Awissu 2000 u t-23 ta’ Marzu 2002 meta l-imsemmi fond kien mikri lill-konvenut u liema konsum ai termini tal-kuntratt ta’ kiri (Dok. A) kien a karigu tal-istess konvenut izda li fil-fatt thallas mill-attur.

BL-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 10 ta’ Ottubru 2002, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li l-ammont mitlub m’huwiex dovut peress li l-eccipjent kien diga’ hallas ghall-elettriku minnu konsumat waqt li kien residenti fil-fond lilu mikri u propjeta’ tal-attur.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut, tal-attur Charles Barbara u ta’ Mario Testa. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

L-attur kien kera l-appartament Flat A, Brega Flats, Triq il-Merzaq, Birzebbugia lill-konvenut ghal perijodu ta’ tlett snin mill-1 ta’ Awissu 2000 sat-30 ta’ Gunju 2003 u dan skond skrittura li tinsab esebita a fol. 2 tal-process. Ai termini tal-ftehim bejn il-partijet il-konvenut kellu jhallas ghall-konsum tad-dawl u ilma waqt li huwa kien qed jokkupa dan l-appartament. Mill-provi rrizulta li l-konvenut iddecida li jittermina l-kirja qabel it-terminu patwit u l-partijiet jaqblu lli fl-ewwel gimgha ta’ Jannar 2002 il-konvenut kien informa lill-attur li huwa kien ser jittermina l-kirja. Il-meter tad-dawl u l-ilma kien inqaleb fuq isem il-konvenut fil-bidu tal-kirja. L-attur xehed li malli giet terminata l-kirja huwa kien kellem lill-konvenut dwar l-arretrati tad-dawl u l-ilma u  dan kien infurmah li kien ghadu ma hallashomx izda kien assikurah li kien ser ihallashom fi zmien gimgha. L-attur jispjega li wara xahar il-konvenut kien infurmah li l-arretrati tad-dawl u l-ilma kienu thallsu u huwa ghalhekk kien staqsa lill-konvenut biex imorru jaqilbu l-meter. Il-konvenut kien talbu ftit taz-zmien ghaliex kellu hafna x’jaghmel. L-attur isostni li huwa cempel lill-konvenut diversi drabi sabiex imorru jaqilbu l-meter izda dan tal-ahhar kien dejjem jirrispondi li kellu hafna x’jaghmel. Dejjem skond l-attur, fis-6 ta’ Awissu 2002 huwa kien gie infurmat mill-inkwilin il-gdid tal-

appartament in kwistjoni li l-Korporazzjonijiet koncernati kienu qatghu il-provvista tad-dawl u tal-ilma fl-appartament. L-attur skopra li dan kien sar ghaliex ma kienux thallsu l-arretrati tad-dawl u tal-ilma ghall-perijodu li kien jokkupa l-fond il-konvenut u huwa kellu bilfors ihallas il-kontijiet pendenti sabiex terga' tigi rinstawrata l-provvista tad-dawl u tal-ilma. L-attur hallas l-ammont ta' tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm362.00) skond ma jirrizulta mill-ircevuta relattiva esebita a fol. 44 tal-process. L-attur spjega li huwa kien ikkomunika mal-konvenut dakinhar stess li hallas il-kont u dan tal-ahhar ghall-ewwel kien prova jghid li kien hallas il-kontijiet pendenti izda sussegwentement ammetta lli ma kienx ghamel hekk u wara li gie muri l-kont (a fol. 43) huwa indika lill-attur li dan il-kont kien ikopri wkoll perijodu fejn il-fond ma kienx okkupat minnu. L-attur spjega li kien ghalhekk sar qbil li l-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm309.13  lima ammont kien ikopri l-perijodu li fih il-konvenut kien jokkupa l-fond izda l-istess konventu baqa' ma hallasx dan l-ammont. L-imsemmi ammont jifforma s-sorte fil-kawza odjerna.

Il-konvenut qed jeccepixxxi l-pagament in kwantu jirrigwarda l-ammont appena imsemmi izda jrid jigi rilevat mal-ewwel li huwa naqas milli jipprova dan il-pagament permezz tal-produzzjoni tad-debita ricevuta jew ta' xi prova ohra tangibbli li dan il-pagament effettivament kien gie effetwat minnu. L-unika prova mgijuba mill-konvenut fir-rigward kienet ix-xhieda ta' missieru Mario Testa li stqarr lli f'Settembru 2002 huwa kien sellef lil ibnu is-somma ta' Lm300.00 sabiex dan tal-ahhar ihallas lill-attur l-arretrati ta' dawl u ilma. Dan ix-xhud izda qal ukoll li huwa ma kienx prezenti meta ibnu ghadda l-pagament relattiv lill-attur. Mario Testa qal ukoll li l-attur ma kienx jirrilaxxja ricevuta meta ibnu kien ihallas il-kera u huwa ghalhekk kien ta parir lill-ibnu sabiex jibda jhallas il-kera permezz ta' bank draft. Ix-xhud spjega li ibnu ghall-ewwel beda' jeffetwa l-pagamenti perrnezz ta' bank draft u sussegwentement permezz ta' cheque. L-attur ikkonferma li l-arretrati tal-kera kienu thallsu kollha mill-konvenut u spjega lli huwa ma kienx johrog ricvevuta minhabba l-fatt li l-konvenut kien ihallas permezz ta' cheque u dan kien jikkostitwixxi ricevuta fih innifsu. Kif intqal aktar il-fuq il-

konvenut naqas milli jipproduci ricevuta in kwantu jirrigwarda l-allegat pagament tal-arretrati tad-dawl u tal-ilma u t-Tribunal isibha difficli jemmen li huwa kien hallas dan l-ammont f'kontanti minghajr ma esiga li jingahta ricevuta bhala prova tal-pagament. Dan jinghad ukoll fid-dawl ta' dak li xehed missier il-konvenut li spjega li ibnu kien ihallas il-kera permezz ta' bank draft jew cheque biex ikollu prova tal-pagament. Finalment irid jigi rilevat ukoll li fix-xhieda tieghu il-konvenut stqarr li huwa kien hallas lill-attur l-ammont dovut bhala arretrati ta' dawl u ta' ilma f'Mejju 2002 mentri missieru xehed li huwa kien sellef lill-ibnu l-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300.00) biex ihallas dawn l-arretrati f'Settembru 2002.

Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut ma rnexxilux jipprova soddisfacentement u fil-grad rikjest mill-liigi il-pagament tal-ammont mitlub mill-attur f'din il-kawza.

Inoltre minn ezami tal-kont esebit a fol. 43 tal-process jidher li l-ammont mitlub mill-attur kien ikopri l-perijodu li fih il-konvenut kien jokkupa l-fond mikri lilu mill-attur u dan tala-hhar prova wkoll li huwa kien effetwa l-pagament relattiv lill-Korporazzjonijiet konccernati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundannna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u disa' liri Maltin u tlettax il-centezmu (Lm309.13).

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------